

SEJĦA GĦAL PROPOSTI — EACEA/34/2015**taħt il-programm Erasmus+****azzjoni ewlenija 3: appoġġ għar-riforma politika — inizzjattivi għall-innovazzjoni tal-politika****Esperimentazzjonijiet tal-politika Ewropea fl-oqsma tal-edukazzjoni, it-taħriġ u ż-żgħażaġh taħt it-tmexxija ta' awtoritajiet pubbliċi ta' livell għoli**

(2015/C 415/08)

1. Id-Deskrizzjoni, l-Għanijiet u t-Temi Prijoritarji

L-esperimentazzjonijiet tal-politika Ewropea taħt *Azzjoni Ewlenija 3 ta' Erasmus+ (Appoġġ għar-riforma tal-politika)* — *Inizzjattivi għall-innovazzjoni tal-politika* ⁽¹⁾ huma proġetti ta' kooperazzjoni transnazzjonali li jappoġġjaw l-implimentazzjoni tal-aġendi ta' politika tal-Unjoni Ewropea dwar l-Edukazzjoni, it-Taħriġ u ż-Żgħażaġħ, li jinkludu l-aġendi speċifiċi għas-setturi bħall-proċessi ta' Bologna u ta' Kopenhagen.

L-għan ġenerali tas-sejħa għall-proposti huwa li jitħeġġeġ it-titjeb tal-effikaċja u l-effiċjenza tas-sistemi tal-edukazzjoni u t-taħriġ u l-politiki taż-żgħażaġh permezz tal-ġbir u l-evalwazzjoni ta' evidenza dwar l-impatt sistemiku tal-miżuri ta' politika innovattivi. Din is-sejħa teħtieġ l-involvement tal-awtoritajiet pubbliċi ta' livell għoli tal-pajjiżi eliġibbli u l-użu ta' metodi ta' evalwazzjoni tajbin u rikonoxxuti b'mod wiesgħa bbażati fuq provi fuq il-post (proċess ta' esperiment).

L-għanijiet speċifiċi ta' din is-sejħa huma:

- il-promozzjoni tal-kooperazzjoni transnazzjonali u t-tagħlim reċiproku bejn l-awtoritajiet kompetenti fl-ogħla livell istituzzjonali tal-pajjiżi eliġibbli sabiex irawwmu titjeb sistemiku u innovazzjoni fl-oqsma tal-edukazzjoni, it-taħriġ u ż-żgħażaġh,
- it-titjeb tal-ġbir u l-analiżi ta' evidenza sostantiva li tippermetti l-implimentazzjoni b'suċċess ta' miżuri innovattivi,
- il-faċilitazzjoni tat-trasferibbiltà u l-iskalabilità ta' miżuri innovattivi.

It-temi prijoritarji għal din is-sejħa huma:

- Il-qasam tal-Edukazzjoni u t-Taħriġ
 1. Il-promozzjoni tal-valuri fundamentali permezz tal-edukazzjoni u t-taħriġ li tindirizza d-diversità fl-ambjent tat-tagħlim.
 2. Ix-xogħol u l-ħiliet: validazzjoni ta' tagħlim mhux formali u informali fil-qasam tal-edukazzjoni u t-taħriġ.
 3. It-tisħiħ tat-taħriġ tal-għalliema u l-edukazzjoni bl-użu ta' opportunitajiet ta' teknoloġiji ġodda (Edukazzjoni skolastika)
 4. L-avvanz lejn istituzzjonijiet ta' edukazzjoni ogħla aktar innovattivi u intraprenditorjali permezz tal-bidla istituzzjonali (L-edukazzjoni sekondarja).
 5. Għalliema u ħarrieġa tal-VET f'tagħlim/apprentistat ibbażat fuq ix-xogħol (VET).
 6. L-implimentazzjoni ta' qafas li jevalwa l-effikaċja tal-politiki ta' tagħlim għall-adulti.
- Il-qasam taż-żgħażaġh
 7. L-ilħuq: l-iżvilupp tal-kapaċità għat-trattament u l-prevenzjoni tal-marġinalizzazzjoni u r-radikalizzazzjoni vjolenta fost iż-żgħażaġh.

⁽¹⁾ Ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jstabbilixxi "Erasmus+": il-Programm tal-Unjoni għall-Edukazzjoni, Taħriġ, Żgħażaġħ u Sport, b'mod partikolari l-Artikoli 9 u 15 - L-appoġġ għar-riforma tal-politika - jikkostitwixxi l-bażi legali għal din is-sejħa.

2. L-applikanti eliġibbli

L-applikanti meqjusin eliġibbli biex iwieġbu għal din is-sejħa huma:

- (a) Awtoritajiet pubbliċi (Ministeru jew ekwivalenti) responsabbli għall-edukazzjoni, it-taħriġ jew iż-żgħażaġh fl-ogħla livell fil-kuntest nazzjonali jew reġjonali rilevanti (li jikkorrispondu għall-kodiċi 1 jew 2 tan-NUTS; għall-pajjiżi fejn il-kodiċi 1 u 2 tan-NUTS mhumiex disponibbli, japplika l-ogħla kodiċi tan-NUTS disponibbli ⁽¹⁾). L-awtoritajiet pubbliċi fl-ogħla livell responsabbli għas-setturi li mhumiex tal-edukazzjoni, it-taħriġ u iż-żgħażaġh (eż. l-impjegi, il-finanzi, l-affarijiet soċjali, ġustizzja u affarijiet interni, is-saħħa, eċċ.) jitqiesu eliġibbli sakemm juru li għandhom kompetenza speċifika fil-qasam li fih se jitwettaq il-proċess ta' esperimenti. L-awtoritajiet pubbliċi jistgħu jiddelegaw li jkunu rrappreżentati minn organizzazzjonijiet pubbliċi jew privati oħrajn, kif ukoll minn netwerks jew assoċjazzjonijiet ta' awtoritajiet pubbliċi stabbiliti legalment, bil-kundizzjoni li d-delega tkun bil-miktub u tagħmel referenza espliċita għall-proposta li tkun qed titressaq.
- (b) Organizzazzjonijiet jew istituzzjonijiet pubbliċi jew privati attivi fl-oqsma tal-edukazzjoni, it-taħriġ jew iż-żgħażaġh
- (c) Organizzazzjonijiet jew istituzzjonijiet pubbliċi jew privati li jwettqu attivitajiet marbuta mal-edukazzjoni, it-taħriġ u/jew iż-żgħażaġh f'setturi soċjoekonomiċi oħrajn (eż. awtoritajiet pubbliċi, aġenzji jew servizzi responsabbli għall-edukazzjoni, it-taħriġ, iż-żgħażaġh, l-affarijiet soċjali, l-affarijiet interni, il-ġustizzja, l-assigurazzjoni tal-kwalità, ir-rikonoxximent u/jew il-validazzjoni, il-gwida dwar il-karrieri, kmamar tal-kummerċ, organizzazzjonijiet tal-kummerċ, l-imsieħba soċjali, is-soċjetà ċivili, għaqdiet sportivi jew organizzazzjonijiet kulturali, entitajiet tal-evalwazzjoni jew tar-riċerka, il-media eċċ)

Huma eliġibbli proposti minn entitajiet ġuridiċi stabbiliti f'wiehied mill-pajjiżi eliġibbli li ġejjin:

- it-28 Stat Membru tal-Unjoni Ewropea,
- il-pajjiżi tal-EFTA/ŻEE: l-Iżlanda, il-Liechtenstein, in-Norveġja,
- il-pajjiżi kandidati tal-UE: it-Turkija, dik li kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja.

Il-kompożizzjoni minima tas-sħubija

Ir-rekwiżit minimu tas-sħubija għal din is-sejħa huwa: 4 entitajiet li jirrappreżentaw 3 pajjiżi eliġibbli. B'mod speċifiku:

- Tal-inqas awtorità pubblika waħda (Ministeru jew ekwivalenti) jew korp delegat (kif deskritt fi 2a) minn 3 pajjiżi eliġibbli differenti, jew netwerk/assoċjazzjoni ta' awtoritajiet pubbliċi stabbiliti legalment li jirrappreżentaw tal-inqas tliet pajjiżi eliġibbli differenti. In-netwerk jew l-assoċjazzjoni għandu jkollhom mandat mill-inqas minn 3 awtoritajiet pubbliċi responsabbli (kif deskritt fi 2a) biex joperaw f'isimhom għall-proposta ta' proġett speċifika.

Is-sħubiji għandhom jinkludu tal-inqas awtorità pubblika responsabbli waħda kif indikat taħt il-punt 2(a) minn Stat Membru tal-UE.

- Tal-inqas entità pubblika jew privata waħda bil-kompetenza fl-analiżi kontrofattwali u l-evalwazzjoni tal-impatt tal-politika ("ir-riċerka"). Tali entità għandha tkun responsabbli għall-aspetti metodoloġiċi u l-protokoll tal-provi fuq il-post. Il-proposta tista' tinvolvi aktar minn entità waħda bħal din, sakemm ix-xogħol ikun ikkoordinat u konsistenti.

Proposta tista' tkun ikkoordinata u ppreżentata biss - fisem l-applikanti kollha — minn waħda minn dawn li ġejjin:

- awtorità pubblika kif deskritt taħt 2(a),
- netwerk jew assoċjazzjoni ta' awtoritajiet pubbliċi stabbiliti legalment kif deskritt taħt 2a),
- entità pubblika jew privata ddelegata biex twieġeb għas-sejħa minn awtorità pubblika deskritta taħt 2(a). L-entitajiet iddelegati għandu jkollhom approvazzjoni espliċita bil-miktub minn awtorità pubblika kif deskritt taħt 2a), biex iressqu u jikkordinaw il-proposta ta' proġett f'isimhom.

⁽¹⁾ <http://ec.europa.eu/eurostat/web/nuts/overview>

Il-proposti għandhom jitressqu mir-rappreżentant legali tal-awtorità ta' koordinazzjoni fisem l-applikanti kollha. Il-persuni fiżiċi ma jistgħux japplikaw għal għotja. Huma biss l-organizzazzjonijiet li huma f'pożizzjoni li juru l-eżistenza ta' tagħhom bħala persuna ġuridika għal mill-inqas 3 snin⁽¹⁾ fid-data tal-iskadenza għall-preżentazzjoni tal-informazzjoni ta' qabel il-proposti, jitqiesu eliġibbli bħala "koordinatur" għal din is-sejħa.

3. Perjodu ta' eliġibilità u attivitajiet eliġibbli

Il-proġett irid jibda bejn l-1 ta' Jannar 2017 u t-28 ta' Frar 2017.

It-tul tal-proġett għandu jkun ta' bejn 24 u 36 xahar. Madankollu, jekk wara l-iffirmar tal-ftehim u l-bidu tal-proġett, għal raġunijiet kompletament iġġustifikati li mhumiex fil-kontroll tal-benefiċjarju, isir impossibbli għall-benefiċjarju li jtemm il-proġett fi żmien il-perjodu skedat, tista' tingħata estensjoni għall-perjodu ta' eliġibilità. Tingħata estensjoni mas-sima ta' 6 xhur oħra, jekk it-talba ssir qabel l-iskadenza speċifikata fil-ftehim. It-tul massimu mbagħad ikun ta' 42 xahar.

L-attivitajiet eliġibbli għandhom ikunu konformi mal-Anness 1 tal-Linji Gwida għall-applikanti. Il-provi fuq il-post għandhom iseħħu tal-inqas fi tliet pajjiżi li l-ministeri (jew entitajiet delegati) tagħhom huma involuti fil-proġett.

4. Il-Kriterji tal-Għoti

Il-proposti sejin jiġu ppreżentati u evalwati f'żewġ stadji, li jinvolvu l-fażi ta' qabel il-proposta (Stadju I) u l-istadju sħiħ tal-proposta (Stadju II).

L-informazzjoni ta' qabel il-proposta se tiġi vvalutata fuq il-bażi tal-kriterju tal-għoti "Ir-rilevanza tal-proġett" (massimu ta' 20 punt). L-applikanti eliġibbli li jilhqg l-livell limitu minimu ta' tna-x-il punt fuq il-punteġġ għall-kriterju ta' għoti "Rilevanza tal-proġett" se jkunu mistednin biex iressqu proposta sħiħa li tiżviluppa b'mod elaborat u komprensiv il-ħarsa ġenerali mogħtija fl-informazzjoni ta' qabel il-proposta.

L-applikanti kollha li jkunu ressuq informazzjoni qabel il-proposta se jkunu notifikati dwar ir-riżultati ta' qabel l-għażla u se jirċievu sommarju tal-evalwazzjoni tal-informazzjoni ta' qabel il-proposta tagħhom.

Il-proposti sħaħ se jiġu vvalutati fuq il-bażi tal-eliġibilità, l-esklużjoni, l-għażla u t-tliet kriterji tal-għoti li jifdal: "il-kwalità tat-tfassil u l-implimentazzjoni tal-proġett", "il-kwalità tas-sħubija u l-arranġamenti ta' kooperazzjoni", u "l-impatt, id-disseminazzjoni, u s-sostenibbiltà".

Il-kriterji tal-għoti (ara t-Taqsim 14 tal-Linji Gwida għall-Applikanti) għall-finanzjament ta' proposta huma:

1. ir-rilevanza tal-proġett (massimu ta' 20 punt);
2. il-kwalità tat-tfassil u l-implimentazzjoni tal-proġett (massimu ta' 30 punt);
3. il-kwalità tas-sħubija u l-arranġamenti ta' kooperazzjoni (massimu ta' 20 punt);
4. l-impatt, id-disseminazzjoni u s-sostenibbiltà (massimu ta' 30 punt).

Il-kalkolu tal-punteġġ totali għall-proposta sħiħa se jinkludi l-punteġġ miksub "għar-Rilevanza tal-proġett" fl-istadju ta' qabel il-proposta. Huma biss il-proposti sħaħ li jkunu laħqu l-livell ta' 60 punt tal-punteġġ totali (jiġifieri il-punteġġ fuq il-kriterju tal-għoti "għar-Rilevanza tal-proġett" iħvalutat fl-ewwel stadju flimkien mal-punteġġi fuq it-tliet kriterji ta' għoti l-oħra vvalutati fit-tieni stadju) li se jitqiesu għall-finanzjament tal-UE.

5. Baġit

Il-baġit totali allokati għall-kofinanzjament tal-proġetti taħt din is-sejħa għal proposti huwa ta' EUR 14 000 000. Dan huwa maqsum bil-mod li ġej bejn iż-żewġ oqsma ta' operat:

— L-Edukazzjoni u t-Taħriġ: EUR 12 000 000

— Iż-Żgħażaġħ: EUR 2 000 000

Il-kontribuzzjoni finanzjarja mill-Aġenzija ma tistax taqbeż 75 % tal-ispejjeż totali eliġibbli.

⁽¹⁾ "Data tar-reġistrazzjoni ewlenija" fil-formola tal-entità ġuridika:
http://ec.europa.eu/budget/contracts_grants/info_contracts/legal_entities/legal_entities_en.cfm#en

L-għotja massima għal kull proġett se tkun ta' EUR **2 000 000**.

L-Aġenzija tirriżerva d-dritt li ma tqassamx il-fondi kollha disponibbli.

6. Il-Proċedura għas-Sottomissjoni u l-Iskadenzi

Qabel iressqu l-applikazzjoni elettronika, l-applikanti se jkollhom jirreġistraw l-organizzazzjoni tagħhom fil-Portal tal-Parteċipanti għall-Edukazzjoni, l-Awdjoviżiv, il-Kultura, iċ-Ċittadinanza u l-Volontarjat u jirċievu Kodiċi ta' Identifikazzjoni tal-Parteċipant (PIC). Il-PIC se jkun mitlub fil-formola tal-applikazzjoni.

Il-Portal tal-Parteċipant hija l-għodda li permezz tagħha se tiġi ġestita l-informazzjoni legali u finanzjarja kollha marbuta mal-organizzazzjonijiet. L-informazzjoni dwar kif tirreġistra tista' tinsab fil-portal fl-indirizz li ġej: <http://ec.europa.eu/education/participants/portal>

Il-preżentazzjoni u l-għażla tal-proposti sejin jitwettqu f'żewġ stadji: l-istadju ta' qabel il-proposta u l-istadju sħiħ tal-proposta.

L-applikanti huma mitlubin jaqraw sew l-informazzjoni kollha dwar is-sejħa għal proposti u l-proċedura ta' preżentazzjoni, u jużaw id-dokumenti li jifformaw parti mill-applikazzjoni (Pakkett ta' Applikazzjoni) fuq: https://eacea.ec.europa.eu/erasmus-plus/funding/key-action-3-initiatives-for-policy-innovation-european-policy-experimentation-eacea-342015_en

Il-Pakkett tal-Aplikazzjoni għandu jitressaq online bl-użu tal-formola elettronika korretta, jimtela kif suppost u jkun fih l-annessi u d-dokumenti ta' appoġġ kollha rilevanti u applikabbli. Il-formoli tal-applikazzjoni huwa disponibbli fuq l-Internet fl-indirizz li ġej: <https://eacea.ec.europa.eu/PPMT/>

Il-formoli tal-applikazzjoni li ma jinkludux l-informazzjoni kollha meħtieġa u li ma jitressqux online sal-iskadenza mhumiex se jitqiesu.

L-applikazzjonijiet għall-għoti għandhom jitfasslu f'waħda mil-lingwi uffiċjali tal-UE.

Data ta' għeluq għas-sottomissjoni:

— l-informazzjoni ta' qabel il-proposta: **14 ta' April 2016** — 12.00 nofsinhar CET

— il-proposti sħaħ: **13 ta' Ottubru 2016** — 12.00 nofsinhar CET

7. Aktar informazzjoni

Għal aktar dettalji jekk jogħġbok irreferi għal-Linji Gwida għall-applikanti.

Il-Linji Gwida għall-applikanti u l-Pakkett tal-Aplikazzjoni huma disponibbli fis-sit elettroniku li ġej:

https://eacea.ec.europa.eu/erasmus-plus/funding/key-action-3-initiatives-for-policy-innovation-european-policy-experimentation-eacea-342015_en

Kuntatt bil-posta elettronika: EACEA-Policy-Support@ec.europa.eu